MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 656/2002/1

**Marcus Marshall bhala mandatarju specjali ta’ l-assenti Matthew sa llum kunjomu Marshall maghruf ukoll bhala Matthew Scicluna Marshall**

**v.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell, interpost mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta’ Frar 2003.

**2.** Permezz ta’ citazzjoni presentata fis-6 ta’ Gunju 2002, Matthew Marshall fisser li fic-certifikat tat-twelid tieghu nru. 3948/1978 kunjomu jinsab indikat bhala ‘Marshall’. Fisser ukoll li c-certifikat taz-zewg hutu – Marcus, sentejn ikbar minnu, u Luke, seba’ snin izghar minnu – kunjomhom huwa indikat bhala ‘Scicluna Marshall’. Skond l-attur, kemm hu kif ukoll hutu “dejjem uzaw konsistentement il-kunjom taghhom bhala ‘Scicluna Marshall’”, u minn dejjem kienu wkoll socjalment maghrufa, anke fl-iskejjel u fl-attivitajiet taghhom kollha edukattivi u sportivi, bhala ‘Scicluna Marshall’. Biex “ghalhekk jigu evitati ekwivoci u kwistjonijiet fil-futur” kif ukoll sabiex l-attur ma jkollux kunjom differenti minn dak taz-zewg hutu l-ohra, huwa talab lill-Prim Awla sabiex din (**1**) tordna l-korrezzjoni mehtiega fic-certifikat tat-twelid tieghu, numru 3948 tas-sena 1978 sabiex flok l-isem “Marcus Marshall, Paris, France” taht l-intestatura “Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier” jitnizzel minflok l-isem “Marcus John Scicluna Marshall, Paris, France”; kif ukoll sabiex taht l-intestatura “Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Omm” flok il-kliem “Marion Marshall nee` Lapira, St. Julians, Malta” jitnizzlu l-kliem “Mary known as Marion Scicluna Marshall nee` Lapira, St. Julians, Malta”; u (**2**) tordna wkoll illi l-bdil effetwat fl-att tat-twelid tieghu jigi rifless f’kull att tal-istat civili relattiv ghall-persuna tieghu.

**3.** Il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, permezz ta’ nota ppresentata fis-6 ta’ Dicembru 2002, eccepixxa hekk:

“1. Illi l-Artikolu 4(3) tal-Kodici Civili jaghti dritt lill-missier l-attur Marcus Marshall biex igib il-kunjom ‘Marshall Scicluna’ peress illi l-kunjom patern tieghu huwa ‘Marshall’ u l-kunjom matern huwa ‘Scicluna’. L-esponent mhux edott mill-fatt, fil-mument tat-twelid tal-attur Matthew Marshall, x’kien juza missieru bhala kunjom. Jekk jigi pruvat li l-kunjom tal-missier kien dak iz-zmien ‘Marshall Scicluna’, allura jista’ juza bhala l-kunjom patern tieghu l-kunjom ‘Marshall Scicluna’, izda dan ma jista’ qatt igib il-kunjom ‘Scicluna Marshall’ ghax dan il-kunjom ma seta’ qatt jintuza minn missieru. L-istess jinghad fir-rigward tal-

kumplament tat-talbiet ta’ l-attur fil-konfront ta’ kunjom ommu.

“2. Illi hut l-attur Matthew li huma Marcus u Luke ma setghu qatt jigu registrati fl-Att tat-Twelid taghhom bil-kunjom ‘Scicluna Marshall’ u l-fatt li hemm zball f’dawk l-atti ma ghandux jaghti lok ghal zball iehor simili fl-atti relattivi ghall-attur.

“3. Illi in vista tac-cirkostanzi li taw lok ghal din il-kawza l-esponent m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti.

“4. Illi l-Avukat Generali ghadu ma giex notifikat b’din ic-citazzjoni skond l-Artikolu 181B tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

“5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

**4.** B’sentenza moghtija, kif inghad, fit-18 ta’ Frar 2003, il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talbiet attrici. Dik il-Qorti qalet hekk:

“Illi din hija talba sabiex l-attur jaghmel korrezzjoni fl-att tat-twelid tieghu ndikat b’dan li l-isem u l-kunjom tieghu jigu jaqraw “Marcus John Scicluna Marshall”, minflok “Marcus Marshall“ u dan peress li qed isostni li hutu jgibu dan il-kunjom. Huwa sostna li ghandha ssir il-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-twelid tieghu, cioe` biex kunjomu jigi jaqra “Scicluna Marshall” minflok dak ta’ “Marshall” bhal ta’ hutu biex jigu evitati ekwivoki u kwistjonijiet.

“Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ipprovati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati, u dan jinsab ikkonfermat ukoll mic-certifikati ta’ hut l-attur, cioe` - Marcus Scicluna Marshall – Estratt Nru. 4166/1976 (Dok. “B”), u ta’ Luke Scicluna Marshall – Estratt Nru. 176/1985 (Dok “C”). Dan apparti l-fatt li jsostni li t-tlieta ahwa dejjem kienu rikonoxxuti bil-kunjom “Scicluna Marshall” fl-iskola. Ghalhekk it-talbiet kif dedotti ghandhom jigu milqugha. *Di piu* jirrizulta mix-xhieda ta’ Marcus Marshall moghtija *seduta stante* li huwa dejjem kien maghruf bil-kunjom

Scicluna Marshall tant li anke l-karta ta’ l-identita` tieghu kienet bl-istess isem.

“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:

“(1) Tordna l-korrezzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid ta’ l-attur, certifikat numru 3948 tas-sena 1978 sabiex minflok l-isem “Marcus Marshall, Paris, France” taht l-intestatura “Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier” jitnizzel minflok il-kliem “Marcus John Scicluna Marshall, Paris, France”; kif ukoll sabiex taht l-intestatura “Isem u Kunjom u Post tat-Twelid ta’ l-Omm” minfok il-kliem “Marion Marshall nee` Lapira, St Julians, Malta” jitnizzlu l-kliem “Marion Scicluna Marshall nee` Lapira, St Julians, Malta”

“(2) Tordna wkoll illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid ta’ l-attur jigi rifless f’kull att ta’ l-istat civili ghall-persuna ta’ l-attur.

“Illi l-Qorti tordna wkoll li *ai termini* **ta’ l-Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur ta-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjoni tal-**Kap 16.**

“Illi dwar il-kap ta’ l-ispejjez dawn ghandhom jigu ssopportati mill-istess attur, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kienu imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.”

**5.** Minn din is-sentenza appella d-Direttur tar-Registru Pubbliku b’rikors tal-10 ta’ Marzu 2003. Huwa bazikament jikkontendi li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghet qatt tasal ghall-konkluzjoni li effettivament waslet ghaliha. Skond l-appellant, kullma kellha tara l-ewwel Qorti huwa x’kien verament kunjom missier l-attur, u mhux toqghod fuq dokumenti li juru erroneament il-kunjom tieghu bhala ‘Scicluna Marshall’.

**6.** Issa, huwa risaput li din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti; din il-Qorti tintervjeni biss f'dan ir-rigward meta tali apprezzament ikun manifestament zbaljat jew mill-punto di vista purament fattwali jew anke mill-punto di vista legali. Fil-kaz in dizamina, u bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, din il-Qorti ma tistax tifhem kif dik il-Qorti setghet tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Il-kawza proposta mill-attur ma tistax tinkwadra ruhha fit-termini tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili – disposizzjoni li tippermetti, taht certi cirkostanzi, il-bdil tal-"isem" ta' persuna – ghax dik id-disposizzjoni tippermetti bdil fl-isem, fis-sens ta' *prenom*, u mhux fil-kunjom ossia "family name" (ara *passim* **Damian Damian-Schembri v. Direttur tar-Registru Pubbliku**, Qorti ta' l-Appell, 16 ta' Dicembru 2003). Dak li, invece, qed jitlob l-attur hi korrezzjoni fil-*kunjom*, haga li tista' tigi effetwata biss jekk jirrizulta li kien hemm verament zball f'dak il-kunjom kif registrat.

**7.** Huwa risaput ukoll li certifikat tat-twelid ta' persuna ma jaghtix il-kunjom ta' dik il-persuna, izda jaghti, ossia jindika, il-kunjom ta' missier dik il-persuna, u dan il-kunjom tal-missier isir il-kunjom ta' dik il-persuna li ghaliha jkun jirreferi dak ic-certifikat. Mal-kunjom tal-missier dik il-persuna tista' zzid warajh (u mhux qablu) kunjom xbubit ommha – Artikolu 4(3) tal-Kodici Civili.

**8.** Issa, mic-certifikat tat-twelid ta' missier l-attur (cioe` ta' Marcus *senior* [1] li qed jidher a nom ta' ibnu Matthew f'din il-kawza) ezibit mill-istess attur a fol. 26 tal-atti (Dok. MM2), jirrizulta li dan twieled Billancourt (Seine) fi Franza fl-11 ta' April 1956. Missieru kien Albert Edward **Marshall** u ommu kienet Mary Mignon Angela nee **Scicluna**. Ghalhekk bil-ligi kif inhi llum, kif ukoll bil-prassi kif kienet anke qabel (ara, a propositu, s-sentenzi li ghalihom hemm referenza fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' April 2005 fl-ismijiet **Marcello Basile-Fasolo v. Direttur tar-Registru Pubbliku**), Marcus *senior* seta' jgib il-kunjom

[1] Ghax hemm ukoll Marcus li jigi hu l-attur.

**Marshall Scicluna**. Dak li jidher li gara, invece, kien – forsi biex il-kunjom "Scicluna" jigi qabel "Marshall" – jinghad "forsi" ghax ma hemmx prova ta' dan il-motiv jew raguni – kien li fil-kolonna "Isem it-tifel jew tifla" (*"Name of the child"*) fic-certifikat tal-imsemmi Marcus *senior* tnizzlu l-ismijiet – u allura bhala *first names* mhux bhala kunjom – **Marcus John Scicluna**[2]. L-isem "Scicluna" ghalhekk gie indikat bhala "isem" u mhux bhala "kunjom", bhal meta, per ezempju, wiehed jaghti l-ismijiet "Vincent Anthony Joseph" jew, fiz-zminijiet aktar recenti, stramberiji bhal "Jason Elvis Presley". Fi kliem iehor, anke mill-istess Dok. MM2 hu evidenti li kunjom Marcus *senior* kien semplicement **Marshall**. Ghalhekk, kull fejn jissemma' "Marcus John Scicluna Msrshall" b'referenza ghal Marcus *senior* – bhal, per ezempju, fic-certifikat taz-zwieg ta' l-sitess Marcus *senior* ma' Maria (Marion) Lapira, Dok. MM5 – il-kunjom ghandu jitqies li huwa "Marshall" filwaqt li l-ismijiet huma "Marcus John Scicluna". Din Maria jew Marion ma setghet qatt tiehu bhala kunjomha parti minn isem, flok il-kunjom, ta' zewgha. Ghalhekk l-izball mhux qieghed fic-certifikat tat-twelid ta' l-attur (Matthew, fejn isem u kunjom missieru huma indikati bhala "Marcus Marshall" u isem u kunjom ommu bhala "Marion Marshall nee Lapira"), izda fic-certifikati ta' Marcus *junior* u ta' Luke fejn ommhom hija erroneament indikata bhala "Mary known as Marion Scicluna Marshall nee Lapira" (fl-kaz ta' Marcus *junior*) u "Maria Scicluna Marshall nee Lapira" (fil-kaz ta' Luke). Din il-Qorti – u ebda Qorti – ma tista' jew ma ghandha tordna korrezzjoni f'certifikat fejn ma hemmx zball biex indirettament tissanzjona zball li jkun sar f'certifikati ohra.

**9.** Ghalhekk l-appell tad-Direttur tar-Registru Pubbliku jimmerita li jigi akkolt.

**10.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, hlief ghal dik il-parti fejn

[2] Fuq wara tac-certifikat ta' Marcus *senior*, cioe` tac-certifikat Dok. MM2, hemm is-segwenti annotazzjoni: *"The original of this Act of Birth is a true copy of the entry of the birth of Marcus John Scicluna Marshall No. 220 in the Register Book of Births kept at the British Embassy Consular Section Paris filed for registration in this office by the hereinmentioned Albert Edward Marshall father of the said Marcus John Scicluna Marshall. Sgd V. Formosa, Director."*

ordnat li l-ispejjez jithallsu mill-attur, u konsegwentement tichad it-talbiet attrici.  L-ispejjez ta’ dana l-appell ghandhom ukoll jithallsu mill-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------